**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 7 ta' April 2017**

**Appell Nru: 30/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**George Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat George Muscat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 330579M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> nhar it-18 ta' April 2013, u fil-jiem u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Għarb, Għawdex u ġewwa appartament Blk F, Entrance A, Flat 2, Taċ-Ċawla Estate, fir-Rabat, Għawdex u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer f'ħinijiet differenti:
>
> 1. ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu b'xi mezz, xi għasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra u cioé peress li:

a) qabeż il-kwota ta' għasafar li seta' jaqbad kuljum skont il-liċenzja għall-kaċċa fir-rebbiegħa 2013 ta' żewġ (2) għasafar f'ġurnata waħda, u qabeż il-kwota li seta' jaqbad b'kollox matul l-istaġun miftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-2013 ta' erba' (4) għasafar bi ksur ta' kundizzjoni numru 3 tal-liċenzja għall-kaċċa fir-rebbiegħa 2013;

b) naqas milli jibgħat SMS vojt fuq in-numru 99180020 hekk kif qatel b'xi tir il-gamiem bi ksur ta' kundizzjoni numru 7 tal-liċenzja għall-kaċċa fir-rebbiegħa 2013;

c) naqas milli jiddikjara kull gamiema u summiena li qatel b'tir fuq il-ktejjeb magħruf bhala *Carnet de Chasse* għall-Kaċċa tal-Għasafar Frar 2013-Jannar 2014, qabel ma ħalla ż-żona tal-kaċċa bi ksur ta' kundizzjoni numru 9 tal-liċenza għall-kaċċa fir-rebbiegħa 2013 dan bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi żamm xi għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar, li l-kaċċa jew it-teħid tagħhom huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, (uħud inklużi fi Skeda I) kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-għasafar ma kienux ġew iddikjarati u reġistrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata l-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex iżomm dawk l-għasafar u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) ta' l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi żamm għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (uħud inkluzi fi Skeda I) meta dawk l-għasafar ma kienux ittieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikunu jistgħu jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dawn l-għasafar ma kienux miġjuba f'Malta

wara l-1 ta’ Mejju 2004 u dan bi ksur ta’ Regolament 4(1)(f) ta’ l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III, u cioé Seqer ta’ Denbhu Falco columbarius (inkluż fi Skeda I) u Kokka tax-Xagħri Asio flammeus (Inkluża fi Skeda I) meta ma kienux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat u dan bi ksur ta’ Regolament 21(5) ta’ l-Avviż Legali 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta’ kampjuni, il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorita’ Kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta’ Regolament 4(1)(f) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba illi, barra li timponi l-multa applikabbli taħt ir-Regolament 27(2) ta’ l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta’ kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta’ Jannar, 2016, li permezz tagħha l-Qorti, ma sabitx lill-imputat George Muscat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u b’hekk illiberatu minnhom.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fid-29 ta’ Jannar, 2016, li bih appella mis-sentenza msemmija u talab lil din il-Qorti:

Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn illiberat lil-appellat mir-raba' akkuża, u ċioe' dik ta' fejn George Muscat kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fi-Iskeda III u ċioe' Seqer ta' Denbhu Falco columbarius (inkluż fi Skeda I) u Kokka tax-Xagħri Asio flammeus (Inkluża fi Skeda I) meta ma kienux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat u dan bi ksur ta' Regolament 21(5) ta' 1-Avviż Legali 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat u f'dik il-parti fejn ordnat il-konliska favur il-Gvern ta' Malta ta' dak elenkat u indikat f'Dok. "FT 5" (a fol. 26), f'Dok. "GĦ 1" (a fol. 35 Ct seq.), u f'Dok. "GĦ 2" (a [01. 37 et seq.)

Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames akkuża u dana jgħaddi sabiex issib ħtija fi-appellat rigward l-istess akkużi u tinfliġġi piena skond il-liġi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-18 ta' April 2013 għall-ħabta tat-3.00 pm il-pulizija għamlu perkwiżizzjoni fi Block F, Ent A, Flt 2, Triq taċ-Ċawla Rabat Għawdex fejn kien jirrisjedi l-imputat fiż-żmien tal-kaċċa. Hemmhekk huma talbu lill-imputat il-ktejjeb tal-MEPA u l-liċenzja tal-kaċċa u kkonsenjahomlhom. L-imputat qal lill-pulizija li dakinhar kien għall-kaċċa u ma għamel xejn ħażin. Il-pulizija saqsew lill-imputat jekk kellux affarijiet illegali u huwa kkopera magħhom u minn *chest freezer* ħareġ 3 boroż tal-plastic b'ħames gamiemiet, 2 spanjulett (tajr protett), alwett, falkuni u tlett-qird in-naħal (tajr protett). Mir-residenza ġew elevati wkoll żewġ snieter, ċintorini bl-iskrataċ, 3 għasafar ibbalzmati, fosthom seqer ta' denbu u kokka tax-Xagħri, tajr protett. Gie elevat ukoll materjal li bih isiru l-iskrataċ.

**6.** Essenzjalment l-aggravju tal-Avukat Generali huwa wieħed u hu fis-sens li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament manifestament żbaljat tal-provi li kien tali li wassalha sabiex irraġionevolment tillibera lill-appellat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames akkuża.

**7.** Dwar din ix-xorta ta' aggravju il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** L-Appellant isostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni għaliex mill-provi rriżulta kjarament li fit-18 ta' April 2013 l-appellat kien spara u qatel erba' gamimiet u spara u qatel oħra fil-jiem ta' qabel.

**9.** Mill-istqarrija tal-imputat tat-18 ta' April 2013, li ġiet rilaxxjata wara li l-appellat ikkonsulta avukat, jirriżulta li l-appellat kien stqarr mal-pulizija li dakinhar stess kien spara fuq u qatel ħames gamimiet u li fil-jiem ta' qabel kien spara fuq u qatel oħra. Il-liċenzja għall-kaċċa fir-Rebbiegħa għas-sena 2013[1] kienet tipprovdi li ma setgħux jinqabdu aktar minn żewġ għasafar kuljum u aktar minn erbgħa għasafar matul l-istaġun kollu u għalhekk kjarament l-appellat matul dik is-sena ġie li qabeż il-kwota kemm ġiornaljera kif ukoll staġonali u dan bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenzja tiegħu.

**10.** In difeża tiegħu nnifsu l-appellat fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu jgħid li ma kellux l-intenzjoni li jaqbad erba' gamimiet peress li huwa spara żewġ tiri lejn qatgħa ta' gamiem u b'dawk iż-żewġ tiri rnexxielu joqtol erba'. Għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr li l-gamiem kienu f'qatgħa ta' sebgħa mkien ma jgħid li huwa spara biss

[1] Parti minn Dok FT4 fol 25; Fol 65

żewġ tiri. Huwa minnu li x-xhud Gilbert Haber ikkonferma li l-gamiem normalment itir kemm f'waħdiet kemm fi qtajja u x-xhud Stanley Gatt xehed li kien possibbli li meta wieħed jispara fuq qata' gamiem jista' jolqot aktar minn gamiema waħda[2]. Mill-provi jirriżulta, iżda, li f'jum wieħed l-appellat qatel ħames gamimiet u l-Qorti ssibha inverosimili li l-appellat b'żewġ tiri rnexxielu joqtol ħames gamimiet anki jekk dawn kienu f'qata' waħda. Fi kwalunkwe każ l-appellat kien jaf li jekk jispara fuq qata' ta' gamiem seta' jolqot u joqtol aktar minn tajra waħda u għalhekk ippreveda li b'żewġ tiri seta joqtol aktar minn żewġ gamimiet u b'hekk aktar mill-kwota permessa mill-liċenzja iżda bdanakollu ppersista fl-azzjoni li huwa ppreveda li setgħet tirriżulta fir-riżultat projbit mil-liġi. Għalhekk l-appellat kellu tal-anqas l-intenzjoni pożittiva indiretta skont il-liġi. Għaldaqstant il-ħtija tal-appellat tal-imputazzjoni 1(a) tirriżulta abbondantement mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

**11.** Inoltre l-imputat stqarr mal-pulizija li huwa kien nesa jinforma b'SMS lill-MEPA bil-gamiem li kien qatel iżda, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, dan ma hux suffiċjenti biex jeżimi lill-appellat mir-responsabilita' kriminali għall-imputazzjoni 1(b). U peress li din il-Qorti sabet li l-imputat qatel numru ta' gamiem f'jumejn separati l-ħtija tal-imputazzjoni 1(b) tirriżulta wkoll mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

**12.** In kwantu għall-imputazzjoni 1(c) mill-provi rriżulta li fil-jiem ta' qabel it-18 ta' April 2013 l-imputat kien qatel gamiema iżda din ma ġietx indikata fuq il-carnet de chasse. Inoltre fid-data tat-18 ta' April 2013 l-imputat indika li kien qatel 4 summiniet meta fil-fatt kien qatel 4 gamimiet. Għalhekk din l-imputazzjoni tirriżulta wkoll.

**13.** In kwantu għall-imputazzjoni numru 2 jirriżulta li fit-18 ta' April 2013 għall-ħabta tat-3.00 pm il-pulizija għamlu perkwiżizzjoni fi Block F, Ent A, Flt 2, Triq taċ-Ċawla Rabat Għawdex fejn kien jirrisjedi l-imputat fil-perjodu miftuħ għall kaċċa u hemmhekk l-imputat minn *chest freezer*

[2] Fol. 86-87

ħareġ 3 boroż tal-plastic bil-gamiem, 2 spanjulett (tajr protett), alwett, falkuni u qird in-naħal (tajr protett). Mill-fond imsemmi ġew elevati wkoll 3 għasafar ibbalzmati, fosthom seqer ta' denbu u kokka tax-Xagħri, tajr protett. L-appellat stqarr mal-pulizija li l-għasafar ibbalzmati kienu ta' missier il-mara tiegħu u li huwa u l-mara żammewhom bħala rikordju tiegħu għaliex kien wasal biex imut. Dwar il-karkassi li nstabu fil-freezer l-imputat stqarr li huwa kien spara fuq il-gamiem u l-alwett waqt li t-tajr l-ieħor, fosthom it-tajr protett konsistenti l-ispanjuletti u l-qird in-naħal, dawn kien gabhomlu l-kelb tiegħu waqt li kienu għall-kaċċa u huwa żammhom.

**14.** Mir-riċerka li għamlu l-awtoritajiet irriżulta li t-tajr protett imsemmi u li kien fil-pussess tal-imputat qatt ma ġie dikjarat minn ħadd[3] mal-awtoritajiet. Inoltre, l-imputat stess stqarr mal-uffiċjali tal-MEPA li kien jaf li t-tajr imsemmi qatt ma kien ġie dikjarat mal-awtoritajiet[4]. L-imputazzjoni numru 2 għalhekk tirriżulta wkoll pruvata skont il-liġi.

**15.** Mill-provi ma rriżultax adegwatament li l-imputat kien fil-pussess ta' xi għasafar tax-xorta li għalihom jirreferi r-regolament 4(1)(f) tar-regolamenti relevanti u għalhekk ma jirriżultawx raġunijiet suffiċjenti sabiex din il-Qorti tiddipartixxi mill-apprezzament tal-ewwel Qorti għar-rigward tal-imputazzjoni numru 3 u għalhekk din il-parti tas-sentenza appellata ser tiġi konfermata.

**16.** In kwantu għall-imputazzjoni numru 4 ma sarx appell minnha u l-Avukat Ġenerali talab il-konferma tas-sentenza appellata fir-rigward tagħha.

**17.** Għar-rigward tal-imputazzjoni numru 5 ma rriżultax li l-appellant qatt kien fil-pussess ta' xi permessi, ċertifikati u dokumenti tax-xorta imsemmija f'dik l-imputazzjoni u għalhekk f'dan ir-rigward ukoll ma

---

3 Depożizzjoni Gilbert Ħaber fol 33; depożizzjoni Stanley Gatt fol 71-73

4 Depożizzjoni Gilbert Haber fol 32 u fol 84; depożizzjoni Stanley Gatt fol 72

jirriżultawx raġunijiet suffiċjenti sabiex din il-Qorti tasal għal konklużjoni diversa minn dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti.

**18.** Għaldaqstant din il-Qorti ser tilqa' in parte l-appell tal-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-imputazzjoni numru 1(a)(b)(c) u tat-tieni imputazzjoni iżda ser tiċħdu fir-rigward tal-imputazzjonijiet rimanenti.

Għall-motivi premessi tilqa' in parti l-appell tal-Avukat Ġenerali billi tħassar is-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjoni numru 1(a)(b)(c) u tat-tieni imputazzjoni u minflok issibu ħati tagħhom u wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e), 12(1) u 27(3)(a) u l-artikoli 17(f) u 23 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-imputat appellat għall-piena ta' multa komplessiva ta' elf u mitejn euro (€1200) u tordna l-konfiska tas-senter tal-marka Akkar numru S/N 11150476 (l-ewwel parti ta Dok. FT3, fol 24), apparti l-konfiska tal-oġġetti ġia ordnata mill-ewwel Qorti; tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Finalment tordna s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħrugin taħt ir-regolamenti imsemmija u taħt il-Parti XV tal-Kodiċi tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur